**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

L-Erbgħa 12 ta' Frar 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## AĠENDA Numru 9

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 9 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

09.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
09.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
09.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
09.5 Rapporti;
09.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
09.7 Aġġornament dwar Ġieħ il-Qrendi 2020;
09.8 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2019;
09.9 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2020;
09.10 Immanniġġjar tat-Traffiku fi Triq San Mattew;
09.11 Korsijiet tal-LifeLong Learning;
09.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
09.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tad-9 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2020 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

09.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

09.1.1 Inqrat korrispondenza mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja li ma setgħax jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa.

09.1.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din l-apoloġija.

09.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

09.2.1 Il-Minuti tat-8 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Charles Zerafa.

09.2.1.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis ssekondat il-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 09.3, 09.4 u 09.5 jiġu diskussi wara Minuta 09.11 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsilliera Marion Parnis u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

09.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

09.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li kważi l-ewwel sular huwa lest.

09.6.2 Bħalissa x-xogħol qiegħed isir kollu bil-briks, imma issa fadal li l-qoxra ta' barra ssir bil-kantun.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

09.6.3 Ser tkun barriera f'Ħaż-Żebbuġ li ser tipprovdi l-knaten għall-kumplament tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku.

09.6.4 Qal li mexjin skont il-pjan imfassal, u suppost sal-aħħar ta' Marzu ta' din is-sena l-ewwel sular għandu jkun lest.

09.6.5 Żied li l-Perit Henry Attard jinsab kuntent ħafna bl-andament tal-proġett.

09.6.6 Ikkonferma li sal-lum il-ġurnata ma sarux pagamenti oħra fuq dan il-proġett minħabba li s'issa għadna ma rċevejniex il-garanzija bankarja mingħand il-kuntrattur u l-ħlasijiet isiru ġaladarba din tasal għandna.

## 09.7 AĠĠORNAMENT DWAR ĠIEĦ IL-QRENDI 2020

*Qabel bdiet id-diskussjoni l-Kunsillier Daniel Farrugia ħalla l-kamra minħabba kunflitt t'interess.*

09.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li ser iħalli l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex ikun jista' jaqra r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

09.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport.

09.7.3 Il-Kunsill Lokali approva unanimament dan ir-rapport.

## 09.8 APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS 2019

09.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li għalkemm konna mwiegħda li l-Financial Statements 2019 ser jaslulna sal-lum, s'issa għadhom ma waslux, imma l-accountant tal-Kunsill Lokali tana l-kelma li sa tmiem il-ġurnata ser ikunu f'idejna.

09.8.2 Qal li dan ifisser li ser ikollna nagħmlu laqgħa b'urġenza sabiex napprovawhom u nkunu nistgħu ngħadduhom lill-Uffiċċju tal-Awditur

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Ġenerali.

## 09.9 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2020

09.9.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja kien assenti u għaldaqstant ma setax isir l-aġġornament.

## 09.10 IMMANNIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FI TRIQ SAN MATTEW

09.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li qegħdin nitkellmu dwar il-parti tat-triq minn kantuniera ma' Misraħ San Mattew sa kantuniera ma' Misraħ il-Maqluba.

09.10.2 Qal li hemm resident li qiegħed jipproponi li din il-parti tat-triq issir one way minħabba li meta jinzertaw żewġ karozzi kontra xulxin, qegħdin jispiċċaw jolqtulu l-bankina.

09.10.3 Żied li għalkemm f'dinja ideali dan ikun l-aħjar rimedju, jekk kemm-il darba ser nagħmlu dil-parti tat-triq one way, mela jkollna mmissu wkoll Triq Sant'Anna u Triq il-Bali Guarena.

09.10.4 Spjega kif ġaladarba Triq San Mattew issir one way, allura l-piż kollu ser jintefa' fi Triq Bali Guarena, u Triq Sant'Anna jkollha ssir one way skont kif tkun saret Triq San Mattew.

09.10.5 Fakkar ukoll li qegħdin nitkellmu dwar il-qalba tar-raħal, iċ-ċentru, fejn allura forsi ma jgħaddux in-numru ta' karozzi li jgħaddu mill-by-pass.

09.10.6 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li l-uniku soluzzjoni hija li jkun hemm speċi ta' ring-road, jiġifieri li Triq il-Bali Guarena ssir one way, li tista' titla' biss lejn iċ-ċentru tal-Qrendi, filwaqt li Triq San Mattew issir one way, tista' tinżel biss lejn Misraħ il-Maqluba.

09.10.7 Kien propost li tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Bali Guarena, Misraħ San Mattew, Triq San Mattew u Triq Sant'Anna sabiex naraw ir-residenti x'jaħsbu u nkunu nistgħu niddeċiedu minn hemm 'il quddiem.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

09.10.8 Din il-materja ser tkompli tkun diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 09.11 KORSIJIET TAL-LIFELONG LEARNING

09.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li ser iħalli l-kelma f'idejn il-Kunsilliera Marion Parnis.

09.11.2 Il-Kunsilliera Parnis qalet li kellha laqgħa fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali sabiex mid-Direttorat ikunu jistgħu jaraw il-kamra li fiha ser isiru l-lezzjonijiet.

09.11.3 Żiedet li aktar kmieni din il-ġimgħa ġew proposti tmien korsijiet, erbgħa li jistgħu jsiru filgħodu u erbgħa oħra li jistgħu jsiru filgħaxija.

09.11.4 Spjegat li issa rridu nistennew min-naħa tad-Direttorat jekk hux ser ikun aċċettat li jsiru dawn il-korsijiet, inkella liema ser isiru.

## 09.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

09.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar Miżura 3 tal-GAL Xlokk u qal li applikajna għall-Promotion of Cultural Heritage.

09.3.1.1 Qal li applikajna biex ninstallaw mobile application, nippublikaw ktieb, kif ukoll isiru tabelli informattivi madwar il-Qrendi. Dawn ser isiru flimkien ma' video clips qosra informattivi dwar il-lokalità.

09.3.2 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 4 ta' GAL Xlokk u qal li ser nerġgħu napplikaw, din id-darba sabiex nagħmlu l-bankijiet u niżirgħu s-siġar madwar il-lokalità.

09.3.2.1 Qal li sfortunatament l-applikazzjoni preċedenti, għalkemm kienet approvata mill-GAL Xlokk, ma konniex ġibna l-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar u allura ma bqajniex insegwu din l-applikazzjoni.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

09.3.2.2 Spjega li kif ser issir l-applikazzjoni issa jittama li jkollna aktar suċċess, kif ukoll ser nippruvaw nagħmlu tisbiħ minuri fil-Ġnien tal-Kmand.

09.3.3 Is-Sindku tkellem dwar talba minn Qrendi FC għad-defibrillator mingħand il-Kunsill Lokali.

09.3.3.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li ma' jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir użu tiegħu minn Qrendi FC, imma dan jibqa' propjetà tal-Kunsill Lokali.

09.3.3.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li din għandha tkun aċċessibbli minn Qrendi FC, mill-Iskola Primarja u miċ-Ċentru ta' Riżorsi Helen Keller.

09.3.4 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa mal-Onorevoli Julia Farrugia Portelli li ser issir fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali l-Erbgħa 19 ta' Frar fil-5pm.

09.3.4.1 Is-Sindku tkellem dwar proġett t'Erasmus+ u qal li hemm erba' żgħażagħ interessati li jitilgħu għal dan il-proġett.

09.3.4.2 Qal li jekk kemm-il darba dawn iż-żgħażagħ iridu jagħmlu din l-esperjenza, il-biljett tal-ajru ser jitħallas minnhom.

## 09.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

09.4.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar jekk huwiex possibbli li f'Misraħ San Mattew jiżdiedu aktar parkeġġi.

09.4.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li dan il-Misraħ kien ġie pjantat mill-Koperattiva għat-Tabelli u s-Sinjali, u approvat minn Transport Malta, u għaldaqstant tkun diffiċli li nċaqilqu xi ħaġa.

09.4.1.2 Żied li l-ħsieb oriġinali kien li għallinqas ikun hemm parkeġġ aktar, imma waqt li konna qed nippjantawha ħareġ li dan mhumiex possibbli u għalhekk sar spazju ta' MC.

09.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar Triq San Nikola u qalet li

jidher li għad hemm problema tan-numri tal-bibien ta' barra.

09.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li f'din it-triq diġa' għamilna eżerċizzju fejn ġew tad-Door Numbering Unit u ċċekkjaw il-bibien ta' barra, u minn dak iż-żmien kienet inqasmet Triq San Nikola u parti minnha saret Triq RAF Krendi.

09.4.2.2 Żied li jkun għaqli jekk min qed jitlob li jinbidlu n-numri jibagħtilna e-mail u naraw x'nistgħu nagħmlu fuq dan il-każ.

09.4.3 Il-Kunsilliera Parnis tkellmet dwar Triq is-Salvatur għaliex qiegħed jitħalla l-iskart imgeddes f'kantuniera jew oħra.

09.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li ser inkellmu lill-kuntrattur.

## 09.5 <u>RAPPORTI</u>

09.5.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa tkellem dwar il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u qal li b'kollox hemm seba' żgħażagħ li qegħdin parti minn dan il-Kunsill Lokali.

09.5.1.1 L-ewwel laqgħa uffiċjali ser issir nhar it-Tnejn 24 ta' Frar 2020 fil-5:30pm.

09.5.2 Il-Kunsillier Zerafa tkellem dwar iż-żjara li kellu fil-Litwanja dwar il-migrazzjoni.

09.5.2.1 Qal li bħala seminar kien tajjeb ħafna u li magħhom seta' jaqsam esperjenzi li għaddejjin minnhom aħna bħala Maltin.

## 09.12 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

09.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €47,548.34 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 02/20 u €82.91 skont il-*Petty Cash* Ref X/01.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

09.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

09.12.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis u l-Kunsillier Charles Zerafa ssekondaw din il-proposta.

09.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 09.13 <u>TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS</u>

09.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5:30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 18 ta' Marzu fil-5:30pm.

09.13.2 Il-Laqgħa tal-Lokalità ser issir fl-istess ġurnata u tibda fis-7pm.

| | |
|---|---|
| __________________ | __________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |